MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Numru. 784/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Joseph Friggieri**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Joseph Friggieri ta' 37 sena, bin Joseph u Lucy nee' Mercieca imwieled Attard fil-25 ta' Marzu 1966, residenti (temporanjament) : Flat 2A, Sundream Flats, Triq it-Turisti, Qawra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 201766 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn Dicembru 2002 u Settembru 2003, f’ Birkirkara u f’ diversi bnadi ohra madwar dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda :

B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm 500, liema qliegh ma jeccedix l-Lm14,000 b’ qerq bi hsara ta’ Patrick Pace, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f’ kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 22 ta’ Frar 2004 (esebita a fol. 113 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta’ Ottubru 2007, l-imputat Joseph Friggieri ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni.

Rat li ghalkemm id-Difiza inghatat zmien sabiex tipprezenta in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha hija naqset li taghmel dan entro it-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi innominata kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi rrizulta li fil-perijodu bejn Dicembru 2002 u Settembru 2003 il-parti civili Patrick Pace (li xehed fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2003 u f'dik tat-23 ta' Lulju 2004) kien silef lill-imputat is-somma globali ta' Lm13,000. L-imputat u dan Patrick Pace kienu girien u l-imputat kien talab lil Pace jisilfu s-somma ta' Lm700 ghaliex qallu li kellu jircievi xi gugarelli minn barra minn Malta u xi jiem wara dan rega' talbu xi flus ohra u Pace fdah u kumplessivament fuq perijodu qasir silfu Lm13,000. Fit-13 ta Marzu 2003 iz-zewg partijiet ghamlu skrittura privata (kopja esebita a fol. 31 tal-process) bejniethom fejn l-imputat ikkostitwixxa ruhu bhala debitur favur Patrick Pace fis-somma ta' Lm8,500 u fejn l-imputat obbliga ruhu li jhallas lura dan l-ammont sal-20 ta' Marzu 2003. Patrick Pace jghid ukoll li l-imputat kien urieh konvenju fejn huwa kien obbliga ruhu li jbiegh id-dar tieghu ghall-prezz ta' Lm67,000 u kien qallu li meta jsir il-kuntratt relattiv ikollu minn fejn jaghtih lura il-flus mislufa. Pace jghid li gie muri il-konvenju wara li kien diga' silef xi flus lill-imputat izda ma kienx ghadu silfu l-ammont kollu. Pace qal illi l-imputat hallsu lura l-ammont ta' Lm1000 mill-ammont dovut izda qal li xahar wara spicca sabiex ta lill-imputat is-somma ta' Lm850 ghaliex kien cempillu ragel li identifika ruhu bhala Silvio Borg fejn dan qallu li kien iz-ziju tal-imputat u weghdu li kien ser ihallsu l-flus lura ghan-nom tal-imputat izda talbu wkoll sabiex jghaddilu is-somma ta' Lm850 ghaliex kellu t-tifel li kien mietlu fil-maltempata li kien hemm f'Settembru 2003. Sussegwentement Patrick Pace jghid li sar jaf li l-persuna li kien qed icempillu kien fil-fatt l-imputat.

Mill-provi rrizulta li il-konvenju rigwardanti l-bejgh tad-dar tal-imputat kien waqa' ghaliex kien hemm xi ammonti dovuti lil bank HSBC mill-imputat u fil-fatt l-istess bank kien beda' proceduri ghall-bejgh bis-subbasta tad-dar propjeta' tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita a fol. 18 sa 20 tal-process l-imputat ammetta mal-Pulizija li huwa kellu l-vizzju tal-loghob u ammetta wkoll li kien issellef madwar Lm9,000 minghand Patrick Pace u qal li fil-mument li ssellef tali ammont is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kienet hazina u kien jaf li ma kellux minn fejn ihallas lura lil Pace izda lli dan tal-ahhar kien qallu li seta' jhallsu lura l-ammont misluf malajr. L-imputat ammetta wkoll li lil Patrick Pace kien urieh il-konvenju rigwardanti il-bejgh tad-dar tieghu sabiex dan tal-ahhar ikollu fiducja fih u jselfu aktar flus. L-imputat ammetta wkoll li huwa kien cempel lil Patrick Pace u qallu li kien jismu Silvio Borg u li kien iz-ziju tal-imputat u accertah li huwa (Silvio Borg) kien ser ihallsu l-ammont ta' Lm12,000 dovut mill-imputat izda talbu sabiex jghaddilu s-somma ta' Lm880 li Pace fil-fatt ghaddihom lill-imputat. L-imputat ammetta wkoll li kien dahaq b'Patrick Pace u qal li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' intqal aktar 'il fuq l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' truffa kontemplat fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 308 jipprovdi is-segwenti:

*Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Illi essenzjalment l-elementi rikjesti sabiex jissussisti d-delitt ta' truffa huma (ara *Il-Pulizija vs Carmela German* – Appell Kriminali – 30 ta' Dicembru 2004) :

a. l-ingann jew il-qerq ;

b. li b' konsegwenza tal-ingann jew qerq, il-vittma jaghmel jew jonqos li jaghmel azzjoni (att jew omissjoni) ; u

c. li b' konsegwenza tal-att jew ommissjoni ta' att tal-vittma isir qliegh mill-agent jew terzi u l-vittma isofri dannu ghall-patrimonju tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kreja xenarju insidjuz bl-intenzjoni li jinganna lil Patrick Pace u jgeghlu jwettaq xi haga (jghaddilu l-flus) bhala konsegwenza ta' liema azzjoni Patrick Pace sofra telf fil-patrimonju tieghu filwaqt li kien hemm qliegh min-naha tal-imputat li ovvjament ircieva l-flus. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat jikkorobora dak kollu li qal Patrick Pace u jammetti li huwa kien wera il-konvenju rigwardanti il-bejgh tad-dar tieghu meta kien jaf li kien hemm problemi kbar konnessi ma tali konvenju u dan sabiex jikkonvinci lil Pace jisilfu aktar flus u ammetta wkoll li kien cempel lil Pace u ghamilha ta persuna ohra bl-isem ta' Silvio Borg fejn qallu li kien ser ihallas il-flus dovuti ghan-nom ta' Joseph Friggieri (u cioe' tieghu stess) u dan bl-intenzjoni li jikkonvincih jghaddilu somma ulterjuri ta' Lm880. Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta ampjament li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li huwa ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li mhux opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva izda ser jigi applikat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mil-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-22 ta Frar 2004 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax(13) - il xahar

prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas l-ekwivalenti f' Ewro tas-somma ta' tnax-il elf lira Maltin(€12,000) lil Patrick Pace u dan sa zmien sitt(6) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------